# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 310/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited**

**vs**

**Roderick Mallia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM930.39,0, (disa' mija u tletin lira u disgha u tletin centezmu), rapprezentanti premia ta' poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq istruzzjonijiet u inkarigu tieghu;**

**Bl-imghax legali m'illum u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Frar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**